MALTA

ATT Nru. XLI ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 165).

ACT No. XLI of 1986

AN ACT enacted by the Parliament Malta.

AN ACT further to amend the Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks) Ordinance (Cap. 165).

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

12 ta' Diċembru, 1986

ATT Nru. XLI ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 165).

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli:

"(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel:

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn Lm250 iżda ta' mhux iżjed minn Lm500 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

(b) fil-każ tat-tieni reat, multa ta' mhux anqas minn Lm500 iżda ta' mhux iżjed minn Lm750 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

(ċ) fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqas minn Lm750 iżda ta' mhux iżjed minn Lm1000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u —

(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura tal-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura tal-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-

familja ta' u li jkun jgħix ma, sid il-vettura tal-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza ta' l-assigurazzjoni dwar din il-vettura skond ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-Qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura tal-mutur;

(ii) meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħadd ieħor, il-Qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura tal-mutur.

(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-Qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:

Iżda jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza li biha wieħed jinstab ħati titwaqqaf wara li min ikun instab ħati jiddikjara li bi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza, iż-żmien ta' skwalifika jibda għaddej —

(a) jekk din tiġi konfermata jew imnaqqsa b'deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, mid-data ta' din id-deċiżjoni;

(b) jekk ma jiġix preżentat rikors ta' appell fiż-żmien li trid il-liġi, mill-ewwel jum wara l-ġurnata li fiha jkun skada t-terminu;

(ċ) jekk l-appell jiġi ċedut permezz ta' nota, mill-jum meta tiġi preżentata din in-nota fil-Qorti jew, jekk l-appell jiġi mod ieħor deżert wara l-preżentata tar-rikors ta' l-appell, minn dak il-jum minn meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiddeċiedi wara li jsir rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(2B) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

Tħassir u emenda ta' artikoli u dispożizzjonijiet oħra dwar l-għoti ta'garanzija minflok il-ħruġ ta' polza ta' l-assigurazzjoni.

3. (1) L-artikoli 5, 15 u 18 (tal-liġi prinċipali) huma b'dan imħassrin u l-artikoli l-oħra tal-liġi prinċipali msemmijin fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu għandhom iseħħu skond l-emendi hemm imsemmijin:

(a) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3, il-kliem "jew garanzija" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4, il-kliem "jew mis-sid ta' vettura tal-mutur li għall-użu tagħha tkun isseħħ garanzija taħt din l-Ordinanza jew illi jkun għamel depożitu taħt din l-Ordinanza", u l-kliem "jew is-sid" u "jew mis-sid" għandhom jitħassru;

(ċ) fl-artikolu 6 —

(i) minflok il-kliem "f'polza jew f'garanzija maħruġa jew mogħtija" għandhom jidħlu l-kliem "f'polza maħruġa";

(ii) il-kliem "jew tal-garanzija", "jew taħt il-garanzija", "jew garanzija" kull fejn jinsabu, "jew iggarantita", u "jew lill-garanti" għandhom jitħassru;

(d) fl-artikolu 7, il-kliem "jew il-garanzija meħtieġa" għandhom jitħassru;

(e) fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8, il-kliem "jew iċ-ċertifikat ta' garanzija" għandhom jitħassru;

(f) fl-artikolu 19 —

(i) il-kliem "jew ċertifikat ta' garanzija" fis-subartikoli (1), (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ii) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "l-espressjonijiet 'ċertifikat ta' sigurtà' u 'ċertifikat ta' garanzija'" għandhom jidħlu l-kliem "l-espressjoni 'ċertifikat ta' sigurtà'", u l-kliem "jew ċertifikat ta' garanzija" għandhom jitħassru;

(ġ) fl-artikolu 23, paragrafu (b), il-kliem "u ċertifikati ta' garanzija" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

4. Minflok il-kliem "qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li jibda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza" fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "qabel jew fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi ta' l-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza".

Emenda ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu, għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(i) il-kulur tal-vettura;

(j) l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura;".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 409 tat-3 ta' Diċembru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati